MALTA RESOURCES AUTHORITY

## Stqarrija maħruġa mill-Awtorità ta’ Malta dwar ir-Riżorsi

L-Awtorità ta’ Malta dwar ir-Riżorsi tirringrazzja lill-pubbliku tal-konkorrenza li kien hemm għall-iskema tal-panelli fotovoltajċi, fejn fl-ewwel jum li fih bdew jinltaqgħu l-applikazzjonijiet daħħlu aktar minn 430 applikazzjoni.

Din l-iskema, li hi finanzjata mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, tipprovdi għall-installazzjoni ta’ 416 sistema ta’ panelli fotovoltajċi. Għalhekk minħabba li fl-ewewl jum l-allokazzjoni ttieħdet kollha, l-Awtorità ta’ Malta dwar ir-Riżorsi li għalissa ma tistax tilqa’ aktar applikazzjonijiet.

L-Awtorità ta’ Malta dwar ir-Riżorsi qed tinvestiga l-possibbiltà li jkunu trasferiti fondi biex jerġa’ jkun hemm sejħa simili fix-xhur li ġejjin..

Ta’ min ifakkar li l-applikazzjonijiet għal ħruġ ta’ grants fuq *solar water heating systems* għadhom qed jintlaqgħu.

L-applikazzjonijiet qed jintlaqgħu fl-uffiċċju tal-Awtorità ta’ Malta dwar ir-Riżorsi, Millennia 2nd Floor, Triq Aldo Moro Marsa, kuljum bejn it-8 a.m. u l-4 p.m. Għall-konvenjenza tar-residenti f’Għawdex, matul din il-ġimgħa l-applikazzjonijiet qed jintlaqgħu wkoll fil-Ministeru għal Għawdex.

16 ta’ Frar 2010-02-16
MRA/PR 3/10

*Malta Resources Authority, Millennia, Aldo Moro Road, Marsa MRS 9065, Malta.*
*Tel: +356 21220619; Fax: +356 22955200 E-mail: enquiry@mra.org.mt*